MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tat-28 ta' Mejju, 2012

Numru. 328/2010

Il-Pulizija
(Sp Priscilla Caruana)
vs
Christian Darmanin, iben Andrew, imwieled Pieta’ fit-18 ta’ Diċembru, 1987, karta ta’ l-identita numru 562787(M)
u
Adrian Sammut, iben Joseph, imwieled Pieta’ fl-20 ta’ Mejju, 1979, karta ta’ l-identita numru 247879(M)

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputati:
1. talli fl-4 ta’ April, 2010 għal ħabta tal-10.30 p.m. ġewwa ċ-“Cherries Bar”, il-Bajja s-Sabiħa, Birżebbuġia mingħajr il-ħsieb li joqtlu jew li jqiegħdu l-ħajja ta’ ħaddieħor f’perikolu ċar, ikkaġunaw feriti ta’ natura gravi fuq il-persuna ta’ Marlon Mifsud minn Birżebbuġia, skont

ma ċċertifika t-Tabib Dr. N. Aquilina M.D. mill-Isptar St. James, Zabbar;
2. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi ħebbew għal Marlon Mifsud u dan sabiex jiġurjawh, idejquh jew jagħmulu ħsara;
3. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi kisru l-bon ordni u il-paċi pubblika b'għajjat, ġlied jew mod ieħor;
lil **Christian Darmanin**, waħdu:
4. talli fl-4 ta' April, 2010 għal ħabta tal-10.30 p.m. ġewwa ċ-"Cherries Bar", il-Bajja s-Sabiħa, Birżebbuġia kkaġuna ġrieħi ħfief fuq PC624 Keith Mallan, u dan skont ma ċċertifika Dr. Dorothy Zammit M.D. miċ-Ċentru tas-Saħħa ta' Raħal Ġdid;
5. talli fl-istess data, lok u ħin attakka jew għamel reżistenza bi vjolenza jew b'ħebb ta' xort' oħra li ma titqiesx vjolenza pubblika kontra PC624 Keith Mullan, persuna nkarigata skont il-liġi minn servizz pubbliku, waqt li kien qed jaġixxi għall-esekuzzjoni tal-liġi jew ta' ordni mogħti skont il-liġi minn awtorita' kompetenti;
lil **Adrian Sammut**, waħdu:
6. talli rrenda ruħu reċidiv b'sentenza li saret definittiva u li ma tistax tinbidel skont l-artikoli 49 u 50 tal-Kodiċi Kriminali.
Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija tipprovdi għas-sigurta' ta' Marlon Mifsud u PC624 Keith Mallan u tapplika l-provvedimenti ta' l-artikolu 383 tal-Kodiċi Kriminali.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Semgħet il-provi nkluża x-xhieda ta' l-imputati bil-ġurament.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta' l-imputati.

Ikkunsidrat,

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li fl-4 ta' April, 2010 għal ħabta tal-10.30 p.m. l-imputati kienu qed jixorbu fic-'Cherries Bar', Birżebbuġia. F'dak il-ħin inqalet ġlieda bejn xi nies li kienu qegħdin jixorbu hemmhekk. Diversi xhieda jindika raġel li kien liebes qmis sewda li kien beda

din il-ġlieda.  Fil-ħin li bdiet il-ġlieda Marlon Mifsud, sid il-bar, kien f'kamra wara l-bar u meta ġie infurmat b'dan il-fatt hu ħareġ fil-bar, ra dak li kien qed jiġri u indaħal bejn dawn in-nies biex iferraqhom.  Waqt is-smiegħ ta' din il-kawża l-persuni li ħadu sehem f'din il-ġlieda ma ġewx identifikati ħlief għal dak li għamlu l-imputati.

Illi waqt din il-ġlieda jirrizulta li Marlon Mifsud sofra feriti ta' natura gravi kif jirrizulta mix-xhieda tat-tobba li xehdu.  Fil-kors tax-xhieda tiegħu hu ndika lill-imputati li kienu aggredewh.  Hu xehed ukoll li wara li qala daqqa mill-imputat Christian Darmanin, Marlon Mifsud qal li Darmanin skuza ruħu tad-daqqa li tah għaliex ma kienx għarfu. Dan il-fatt hu wkoll imsemmi mix-xhud Adrian Spiteri.

Illi Marlon Mifsud irnexxilu jaħrab minn fuq il-post u wiċċu kollu demm mar l-għassa tal-pulizija ta' Birżebbuġia fejn talab l-assistenza tal-istess pulizija.  Fil-fatt, surgent u żewġ kuntistabbli marru fuq il-post biex jipprovaw jikkontrollaw is-sitwazzjoni fliem kien mas-security tal-bar. Milli jidher il-ġlieda tant eskalat li l-ġlied infirex ukoll barra l-bar.  Meta PC624 Keith Mullan daħal fil-bar, spiċċa li ntlaqgħat minn barmil tal-plastic taż-żibel u konsegwenza ta' dan sofra ferita ta' natura ħafifa fuq rasu.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li kien l-imputat Christian Darmanin li xeħet dan il-barmil fid-direzzjoni tal-pulizija. L-imputat Christian Darmanin ammetta fix-xhieda tiegħu li xeħet dan il-barmil biex ibeżżża raġel li kien ġej għal fuqu u ma kellhu ebda ntenzjoni li jweġġa dan il-pulizija.

Illi mix-xhieda ta' Christian Darmanin jirrizulta li hu mar jiġbor mill-art lill-imputat l-ieħor Adrian Sammut li kien spiċċa mal-art għaliex kien qala daqqa fuq rasu minn persuna mhux magħrufa.

Illi Adrian Sammut xehed li waqt li kienu ħierġin qala daqqa ta' ponn ġo imnieħru u storda.

Illi mill-kumpless tal-provi prodotti jirrizulta ċar li l-imputat Chrisian Darmanin ta daqqa lil Marlon Mifsud.  Fil-ġlieda li

kien hemm, ma tistax raġonevolment tasal għal konkluzjoni li l-imputat Christian Darmanin ikkawza l-feriti kollha li ġarrab Marlon Mifsud. Tista' tasal għal konkluzjoni li Christian Darmanin għamel feriti ta' natura ħafifa fuq Marlon Mifsud u PC624 Keith Mullan. Minbarra dan, kiser il-paċi u bon ordni pubbliku bi ġlied.

Illi fil-konfront ta Adrian Sammut, l-unika prova li hemm hi x-xhieda ta' Marlon Mifsud. Diversi xhieda oħra ma semmu xejn lil Adrian Sammut u l-imputat Christian Darmanin qal li hu mar għalih għaliex kien stordut.

Għaldaqstant, ma ssibx lill-imputat **Christian Darmanin** ħati tal-ewwel u tat-tieni akkuża miġjuba kontra tiegħu u g]alhekk tilliberah minn tali akkużi iżda issibu ħati li għamel ferita ta' natura ħafifa fuq il-persuna ta' Marlon Mifsud. Issibu ħati tar-raba' u tal-ħames akkuża miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 96, 221(1) u 338(dd) tal-Kodiċi Kriminali u tikkundannah għal ħlas ta' multa ta' ħames mitt euro(€500). Ma ssibx lill-imputat Adrian Sammut ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu u għalhekk tilliberah minn tali akkużi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------